DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ġunju 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2008/788/KE li tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva fil-Portugall għas-snin 2009-2012

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5095)

(It-test bil-Portuġiż biss huwa awtentiku)

(2009/505/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja [fakultattiva] ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/788/KE [2] tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva fil-Portugall għas-snin 2009-2012.

(2) L-Artikolu 1(5) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 jipprovdi li r-rati stabbiliti bl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 [3], imnaqqsa b'5 punti perċentwali, għandhom jitnaqqsu mir-rati tal-modulazzjoni fakultattiva applikata mill-Istati Membri. B'konsegwenza, l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva għandhom jitnaqqsu.

(3) Għaldaqstant, jeħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/788/KE tiġi emendata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2008/788/KE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

L-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni fakultattiva għall-Portugall għas-snin 2009-2012 huma kif ġej:

Miljuni ta' EUR

2009	2010	2011	2012
32,8	29,0	25,0	21,0"

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tibda tapplika mis-sena tal-baġit 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Portugall.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 4M, 8.1.2008, p. 325.
[2] ĠU L 271, 11.10.2008, p. 44.
[3] ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.